

32001R2181

L 293/8

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

10.11.2001

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2181/2001**tad-9 ta' Novembru 2001****li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 563/82 fir-rigward tal-kriterju sabiex jiġu identifikati l-annimali ta' l-ifrat żaġżużu mhux imsewwija**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq taċ-ċanga u tal-vitella ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1512/2001 ⁽²⁾,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1208/81 tat-28 ta' April 1981 li jstabilixxi l-iskala Komunitarja għall-klassifikazzjoni tal-karkassi ta' l-ifrat adulti ⁽³⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1026/91 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 563/82 tal-10 ta' Marzu 1982 jstabilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1208/81 sabiex jiġu stabbiliti l-prezzijiet tas-suq ta' l-ifrat adulti fuq il-bażi ta' l-skala Komunitarja għall-klassifikazzjoni ta' karkassi ⁽⁵⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2090/93 ⁽⁶⁾, tibbaża l-kriterju li jiddistingwixxi bejn il-karkassi ta' l-annimali żaġżużu mhux imsewwija ta' anqas minn sentejn u l-karkassi ta' l-annimali l-oħrajn aktar xjuħ skond il-grad ta' l-ossifikazzjoni ta' ċerti vertebrata.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 li jstabilixxi sistema għall-identifikazzjoni u għar-reġistrazzjoni ta' l-ifrat u li jirrigwarda l-ittikkettjar taċ-ċanga u tal-prodotti taċ-ċanga u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97 ⁽⁷⁾ jstabilixxi sistema għall-identifikazzjoni u għar-reġistrazzjoni ta' l-ifrat individwali li jippermettilhom li jkunu ssorveljati waqt ħajjithom kollha.
- (3) Sabiex ikun ikun hemm leġiżlazzjoni konsistenti u aġġornata, il-kriterju ta' l-identifikazzjoni fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 563/82 għandu jiġi emendat b'tali mod li, għall-iskopijiet tal-verifika, l-informazzjoni

dwar l-età ta' l-annimal fis-sistema ta' l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni stabbilita fl-Istati Membri bi qbil mat- Titolu I tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 għandha tintuża biex tidentifika l-karkassi ta' l-ifrat maskili adulti mhux imsewwija li għandhom anqas minn sentejn.

- (4) Għandu jkun hemm perjodu twil biżżejjed qabel l-applikazzjoni sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jaġġustaw għas-sistema l-għdida.
- (5) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma bi qbil mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għaċ-Ċanga u l-Vitella.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

L-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 563/82 huwa mibdul b'dan li ġej:

"L-Artikolu 2

Għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KEE) Nru 1208/81, il-karkassi ta' l-ifrat żaġżużu maskili mhux imsewwija ta' anqas minn sentejn u l-karkassi ta' annimali maskili mhux imsewwija oħrajn għandhom jiġu distinti skond l-età ta' l-annimal li għandha tkun i-verifikata fuq il-bażi ta' l-informazzjoni disponibbli fis-sistema ta' l-identifikazzjoni u tar-reġistrazzjoni ta' l-ifrat stabbilita f'kull Stat Membru bi qbil mat- Titolu I tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ^(*).

^(*) ĠU L 204, tal-11.8.2000, p. 1."

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-1 ta' April 2002.

⁽¹⁾ ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 21.

⁽²⁾ ĠU L 201, tas-26.7.2001, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 123, tas-7.5.1981, p. 3.

⁽⁴⁾ ĠU L 106, tas-26.4.1991, p. 2.

⁽⁵⁾ ĠU L 67, tal-11.3.1982, p. 23.

⁽⁶⁾ ĠU L 190, tat-30.7.1993, p. 9.

⁽⁷⁾ ĠU L 204, tal-11.8.2000, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-9 ta' Novembru 2001.

Għall-Kummissjoni
Franza FISCHLER
Membri tal-Kummissjoni
